**15 ta' Jannar, 1965**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Joseph Borg et ne.

*versus*

John Caruana ne.

**Award — Malta Arbitration Tribunal — Interpretazzjoni**

*L-interpretazzjoni ta' "Award" mogħti mill-Malta Arbitration Tribunal, għandha ssir minn dak l-istess tribunal (Art. 12 Att XXXVIII ta' l-1948).*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-atturi wara li ppremettew illi l-Malta Arbitration Tribunal b'Award li ta fil-ħdax ta' Gunju, 1959, li kopja legali tiegħu tinsab annessa markata Dokument "A", kif interpretat b'award ieħor tat-

tletin ta' Diċembru, 1959, li kopja legali tiegħu qiegħda tiġi annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni markata Dokument "B", iddeċieda illi fejn jiġi wżat Delivery Clerk waqt il-konsinja, dan il-clerk għandu jkun (a) wieħed li jiġi meħud mir-roster tal-General Workers Union for Delivery Clerks (b) kull clerk ieħor li fl-erbgħa u għoxrin ta' Novembru, 1956, kien f'dan ix-xogħol bħala mpiegat regolarment ma l-Aġenti; u (c) kull clerk ieħor minn dawk il-membri li kienu fl-imsemmi Roster u mill-erbgħa u għoxrin ta' Novembru, 1956, sal-ħmistax ta' Ġunju, 1959, ġew regolarment impjegati ma l-Aġenti; u peress illi d-ditta konvenuta hija wieħed mix-Shipping Agents marbuta bl-imsemmija Awards u bħala tali responsabbli għall-osservanza tal-ordnijiet kontenuti fihom kif jinsab espressament dikjarat fl-award tal-ħdax ta' Ġunju, 1959; u peress li f'diversi okkażjoniiet mill-ħmistax ta' Ġunju, 1959 — data li fiha beda jseħħ l-imsemmi award id-ditta konvenuta wżat bħala Delivery Clerk lil John Pace,, li ma sataх jiġi hekk użat minnha għat-termini tal-awards fuq imsemmija kif sejjer jiġi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u peress li bħala konsegwenza ta' dan l-aġir tad-ditta konvenuta kuntrarju għall-awards fuq imsemmija l-atturi fil-kwalita tagħhom premessa sofrew danni u talbu (1) illi l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli lejn l-istess atturi nomine għad-danni minnhom sofferti talli d-ditta konvenuta wżat bħala Delivery Clerk persuna li ma setgħetx tiġi hekk użata minnha għat-termini tal-imsemmija awards (2) illi jiġu likwidati d-danni anke okkorrendo permezz ta' perit jew periti nominandi (3) il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilhom nomine dik is-somma li tiġi likwidata bħala danni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha eċċepixxa illi hu qatt ma uża lil John Pace bħala delivery clerk. John Pace huwa l-Head Clerk tad-ditta konvenuta, u dejjem ħadem magħha f'din il-kwalita.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-sitta ta' Frar, 1964 li biha ddeċidiet illi l-konvenut ma mexiex kuntrarju għall-Award fuq imsemmi meta mpiega lil John Pace bħala Head Delivery Clerk fil-konsenja tal-merkanzija u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom, dawk tal-ammess 'in statu et terminis' akkariku tiegħu, wara li kkunsidrat:—

. . . OMISSIS . . .

Rat in-nota li biha l-atturi appellaw minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi riformata fis-sens li tiġi konfermata in kwantu kkundannat lill-ammess 'in statu et terminis' li jbati l-ispejjeż tiegħu u revokata fil-kumplament billi takkolji t-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta ta' l-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ta' l-ammess 'in statu et terminis' li wkoll qal illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża u dawk li għalihom saret riferenza, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Il-kwistjoni sollevata b'din il-kawża u deċiża bis-sentenza appellata kienet essenzjalment tiddependi mis-sinjifikat li kellu jingħata lill-ewwel paragrafu ta' l-'Award' mogħti mit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ għall-Malta fil-ħdax ta' Ġunju, 1959 (Award Nru. 14), kif sussegwentement kjarifikat bl-Award numru 15 mogħti mill-istess Tribunal fit-tletin ta' Diċembru, ta' l-istess sena.

Dak l-award, kif hekk kjarifikat iddispona fl-ewwel paragrafu tiegħu illi

"1. Fejn jiġi wżat Delivery Clerk waqt il-konsenja, dana l-Clerk għandu jkun:—

(a) wieħed li jiġi meħud mir-roster tal-General Workers Union for Delivery Clerks.

(b) kull clerk ieħor li fl-erbgħa u għoxrin ta' Novembru, 1956 kien f'dak ix-xogħol bħala mpjegat regolarment ma l-Aġenti.

(c) kull clerk ieħor minn dawk il-membri fl-imsemmi Roster u li (mill-24 ta' Novembru, 1956 sal-15 ta' Ġunju, 1959) ġew regolarment impjegati ma l-Aġenti.

(Il-kliem 'regolarment impjegati ma l-Aġenti' għandhom jiftehmu li clerk jista' jkun regolarment impjegat ma' Aġent wieħed biss).

L-Aġent għandu jitqies l-unika persuna responsabbli għall-osservanza ta' dan l-ordni.

Bħala fatt mhux kontestat illi John Pace kien jagħmel konsenja ta' merkanzija. Dan xehdu hu stess: anzi hu żied jgħid illi "dan hu x-xogħol normali tiegħu". Il-pretensjoni tal-appellati hi biss illi John Pace, b'dak kollu li jagħmel konsenji ta' merkanzija, ma hux "Delivery Clerk" għax hu kien ikun imqabbad mill-appellat bħala "Head Delivery Clerk": bħala tali mhux kopert — jgħid l-appellat — mill-Award fuq imsemmi. Dak l-award, fis-sottomissjoni ta' l-appellat jfisser illi meta barra "Head Delivery Clerk" ikun

hemm bżonn ukoll ta' "Delivery Clerk", allura dak id-"Delivery Clerk" għandu jkun magħżul fost dawk awtorizzati skond l-imsemmi Award.

Kif ġa ntqal, is-soluzzjoni tal-kwistjoni tiddependi mill-interpretazzjoni li tingħata lil dak l-Award.

Fil-verbal ta' l-għaxra ta' April, 1964 il-partijiet qablu illi John Pace jaħdem bħala 'Head Delivery Clerk' ma tliet Shipping Agents, cioe mad-ditta konvenuta, mad-Ditta J. Ripard & Sons Ltd. u mad-Ditta Carmelo Caruana & Co. Dottor Mallia għall-appellat ukoll qabel illi, għad li fl-opinjoni tiegħu John Pace huwa regolarment impjegat mad-Ditta konvenuta, b'dana kollu hu veru illi hu mhux kopert bit-tieni Award li jitkellem fuq 'Delivery Clerk' "regolarment impjegat ma Aġent wieħed biss!"

Anqas hemm kwistjoni bejn il-partijiet illi John Pace ma' jidħolx għal xi raġuni oħra taħt ebda waħda mill-kategoriji ta' persuni msemmijin fil-paragrafi (a) (b) u (c) ta' l-imsemmi l-ewwel paragrafu ta' l-Award.

Il-perit legali li kien nominat mill-ewwel Qorti kien wasal għal konklużżjoni illi l-Award in kwistjoni meta jsemmi 'Delivery Clerks' isemmihom b'sinjifikat ġeneriku u għal din ir-raġuni jkopri lil kull minn effettivament jagħti konsenja: vwoldiri jkopri anki lil dawk il-"Head Delivery Clerks" li barra mix-xogħol tagħhom proprju li jieħdu ħsieb id-dokumenti u jqabbdu l-iskrivani, jagħmlu huma stess il-konsenja.

L-ewwel Onorabbli Qorti ma qabblietx ma din il-konklużżjoni għaliex irriteniet illi meta wieħed jgħaqqad il-premessi mal-parti dispożittiva ta' l-Award għandu jasal għall-konsegwenza illi ma hemmx obbligu li jiġi dejjem użat "Delivery Clerk" waqt il-konsenja pero meta jiġi wżat 'Delivery

Clerk' allura dan għandu jkun wieħed li jaqa f'waħda mit-tlett kategoriji msemmija taħt l-ittri (a) (b) (c).

Fil-petizzjoni ta' l-appell, l-appellanti rrimarkaw illi l-ewwel Qorti żvijat ruħha meta kkunsidrat bħala "premessi" tal-parti dispożittiva ta' l-Award u bħala "ir-raġunijiet li fuqhom (it-Tribunal) ibbaża d-deċiżżjoni tiegħu" dawk li ma kienux bl-ebda mod "motivazzjonijiet" mogħtijin mit-Tribunal, iżda kienu biss espożizzjoni tas-sottomissjonijiet illi l-Aġenti kienu għamlu quddiem it-Tribunal.

Dan huwa veru: iżda in vista ta' dak li sejjer jingħad, il-Qorti ma għandiex bżonn tikkunsidrah oltre.

Fl-artikolu 12 ta' l-'Conciliation and Arbitration Act" (att Nru. XXXVIII ta' l-1948) hemm dispost illi

"(1) If any question arises as to the interpretation of any award of the Tribunal, the Governor or any parties to the trade dispute determined by the award may apply for a decision on such question and the Tribunal shall decide the matter after hearing the parties or without such hearing provided the consent of the parties has first been obtained. The decision of the Tribunal shall be notified to the parties and shall be binding in the same manner as if it had formed part of the original award."

Peress illi, kif intqal aktar minn darba hawn fuq, is-soluzzjoni tal-kwistjoni kienet tiddependi essenzjalment minn interpretazzjoni ta' l-Award in kwistjoni, il-Qorti, fil-kors tat-trattazzjoni ta' l-appell, esprimiet il-fehma illi dik l-interpretazzjoni kien jixraq fl-ewwel lok li tingħata mit-Tribunal skond l-artikolu hawn fuq ċitat. L-appellant u l-appellat qablu li għandha tiġi ottenuta dik l-interpretazzjoni u l-Qorti ddifferiet l-appell sa kemm dan isir.

Il-kweżit li ġie sottomess lit-Tribunal, kif jidher mir-rikors kien fit-termini segwenti:—

"illi nqagħlat kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' l-imsemmi Award (cioe dak in kwistjoni) u preċiżament jekk Head Delivery Clerk li ma jaqgħax taħt xi waħda mit-tlett kategoriji msemmija fil-paragrafu wieħed (1) ta' l-imsemmi Award jistax jagħmel konsenja in bażi għal dak li jinsab deċiż bl-imsemmi Award"

u t-Tribunal ġie mitlub biex jiddeċiedi l-kwistjoni ta' l-interpretazzjoni skond dak il-kweżit.

It-Tribunal ta' l-Award tiegħu fis-sbatax ta' Ġunju, 1964 u fih, wara li qal illi l-Award in kwistjoni għandu jiġi kkunsidrat, sa fejn hu kompatibbli, flimkien ma l-Award mogħti fit-tlieta u għoxrin ta' Mejju 1957 li għalih jagħmel riferenza espressa, u peress li l-istess Award ta' l-1959 ma jeskludiex l-użu tal-Head Delivery Clerks, imma jiddefinixxi l-kamp tas-selezzjoni tad-Delivery Clerks, ipprovda billi ddikjara u ddeċieda li l-imsemmi Award tal-ħdax ta' Ġunju, 1959 għandu jiġi nterpretat fis-sens:—

(1) li Head Delivery Clerk jista' jagħmel konsenji ta' l-Aġenzija li hu mjegat regolarment magħha; u

(2) li ma jistax jagħmel konsenja ta' Aġenziji oħra meta n-natura u l-entita tal-konsenja tirrikjedi clerk wieħed biss.

Fil-fehma tal-Qorti ma' jistax ikun hemm dubju li din l-interpretazzjoni tirrisolvi l-kwistjoni favur l-appellanti. Fil-kontest ta' l-Award ta' l-1959 "impjegat regolarment ma aġenzija" ifisser, kif ġa ntqal, "impjegat ma Aġent wieħed biss", u l-appellat ammetta, permezz ta' l-avukat tiegħu, kif

ġa semma, illi John Pace li jaħdem regolarment ma tlett Aġenziji ma jikkwalifikax, kwindi, taħt din id-definizzjoni. Meta hu ma setgħax jagħmel konsenji tad-ditta ta' l-appellat (la darba hu ma jistax jingħad li kien, fis-sens fuq imsemmi, "regolarment impjegat magħha"), u ma satax jagħmel anqas konsenji ta' ebda oħra mill-aġenziji li jaħdem magħhom anqas meta n-natura u l-entita tal-konsenja setgħu jsiru minn 'clerk' wieħed biss.

Fil-fehma tal-Qorti dan hu għal kollox konformi ma l-ispirtu u li skop evidenti ta' l-Award prinċipali, kif ġa kien ikkonkluda l-perit legali. In kwantu jagħmel konsenji, "Head Delivery Clerk" huwa "Delivery Clerk" u għall-finijiet ta' l-Award prinċipali li jibda bil-kliem "Fejn jiġi wżat Delivery Clerk waqt il-konsenja", meta "Head Delivery Clerk" jiġi wżat biex jagħmel konsenja, ikun manifestament qed jiġi wżat Delivery Clerk inkellha s-sotterfuġju jkun wisq faċili.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta' l-atturi, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara għall-finijiet ta' l-ewwel domanda ta' l-atturi illi d-ditta konvenuta użat bħala Delivery Clerk persuna li ma setgħatx tiġi hekk użata minnha għat-termini ta' l-Award in kwistjoni u f'dan is-sens tilqa dik id-domanda, u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi.

L-ispejjeż fil-konfront ta' l-atturi jħallashom il-konvenut: dawk ta' l-intervenut fil-kawża jibqgħu għak-kariku tiegħu.